KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SPIELMANN
ippreżentati fis-6 ta' Marzu 2025 [1]

Kawża C-582/23 (Wiszkier) [i]

R.S.
fil-preżenza ta':
C. S.A.,
P.C., bħala stralċjarju ta' R.S. u M.S.,
M.K., bħala stralċjarju ta' G. S.A. fi stralċ,
J.J.,
M.G.

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia w Łodzi (il-Qorti Distrettwali ta' Łodź, iċ-Ċentru tal-Belt ta' Łodź, il-Polonja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumatur – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur – Artikolu 6(1) – Artikolu 7(1) – Setgħat u obbligi tal-qorti nazzjonali – Kreditu ipotekarju indiċizzat fuq valuta barranija li jista' jinkludi klawżoli inġusti – Proċedura ta' falliment – Eżami *ex officio* mill-qorti tal-falliment tal-eżistenza ta' klawżoli inġusti u l-possibbiltà li jiġu ordnati miżuri provviżorji"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13/KEE [2].

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima li tirriżulta minn proċedura ta' falliment li tinvolvi lil R.S., konsumatur f'falliment personali, u l-krediturі tiegħu, fosthom bank, G. spółka akcyjna stabbilit f'W. (iktar 'il quddiem il-"bank G."), u li tirrigwarda l-istabbiliment ta' pjan ta' rimbors tal-krediturі.

3. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba teżamina l-kwistjoni tas-setgħa ta' qorti nazzjonali li teżamina *ex officio* n-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu ipotekarju indiċizzat fuq valuta barranija konkluż bejn il-persuna li falliet u l-bank G., kif ukoll li tordna, jekk meħtieġ, miżuri provviżorji sabiex tipproteġi d-drittijiet li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-konsumatur.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa isem fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondix għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

[2] Direttiva tal-Kunsill tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288, rettifika fil-ĠU 2023, L 17, p. 100).

4. Għalkemm din il-kwistjoni hija magħrufa mill-Qorti tal-Ġustizzja, din il-kawża għandha ċerti karatteristiċi partikolari. It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment li tikkonċerna persuni fiżiċi li ma jeżerċitawx attività ekonomika minn qorti (il-qorti tal-falliment) li għandha tistabbilixxi, abbażi ta' lista ta' krediti approvati minn awtorità ġudizzjarja oħra (l-imħallef superviżorju), pjan ta' rimbors tal-krediturі jew tikkonstata li l-assi diġà akkumulati fil-massa fallimentari huma biżżejjed sabiex jitħallsu d-djun kollha.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

5. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 huwa fformulat kif ġej:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjiegħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti."

6. L-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjiegħa jew fornituri."

Id-dritt Pollakk

Il-Liġi dwar il-Falliment

7. Il-proċedura ta' falliment hija rregolata mill-ustawa z dnia 28 lutego 2003 r. – Prawo upadłościowe (il-Liġi tat-28 ta' Frar 2003 dwar il-Falliment, Dz. U. tal-2019, intestatura 498, kif emendata, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Falliment").

8. Skont l-Artikolu 2(2) tal-Liġi dwar il-Falliment, il-proċedura rregolata minn din il-liġi fir-rigward tal-persuni fiżiċi li ma jeżerċitawx attività ekonomika għandha titwettaq b'tali mod li tippermetti l-ħelsien mid-djun tal-persuna li falliet mhux eżegwiti fil-proċedura ta' falliment u, sa fejn ikun possibbli, li tissodisfa kemm jista' jkun il-krediti tal-krediturі.

9. L-Artikolu 61 tal-imsemmija liġi jipprovdi li, mid-data tad-dikjarazzjoni ta' falliment, il-patrimonju tal-persuna li falliet isir il-massa fallimentari, li sservi sabiex jiġu ssodisfatti l-krediturі tagħha. Barra minn hekk, konformement mal-Artikolu 62 tal-istess liġi, il-massa fallimentari tinkludi l-patrimonju li jappartjeni lill-fallut fid-data tad-dikjarazzjoni tal-falliment u dak li jkun akkwista matul il-proċedura ta' falliment, suġġett għall-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikoli 63 sa 67a tal-Liġi dwar il-Falliment. Għalhekk, mit-tieni punt tal-Artikolu 63(1) ta' din il-liġi jirriżulta b'mod partikolari li ma tidħolx fil-massa fallimentari l-parti tar-remunerazzjoni tal-persuna li tkun falliet li ma tkunx tista' tiġi ssekwestrata.

10. Skont l-Artikolu 152(1) sa (3) tal-Liġi dwar il-Falliment, huwa l-imħallef superviżorju li għandu jmexxi l-proċedura ta' falliment, jistħarreġ l-atti tal-istralċjarju, jindika l-atti tal-istralċjarju li jeħtieġu l-kunsens tal-imħallef superviżorju jew tal-kumitat tal-kredituri u li jirrileva n-nuqqasijiet imwettqa mill-istralċjarju. L-imħallef superviżorju għandu jwettaq ukoll l-atti l-oħra ddefiniti f'din il-liġi. L-imħallef superviżorju u l-istralċjarju jistgħu jikkomunikaw bejniethom dwar il-kwistjonijiet relatati mal-proċedura ta' falliment, direttament u permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni diretta mill-bogħod, b'mod partikolari permezz tat-telefon, tal-faks jew tal-posta elettronika.

11. L-Artikolu 154 tal-imsemmija liġi jipprovdi li l-imħallef superviżorju għandu d-drittijiet u d-dmirijiet tal-qorti distrettwali u tal-president tal-qorti distrttwali fil-kuntest tal-azzjonijiet tiegħu.

12. L-Artikolu 236 tal-Liġi dwar il-Falliment jipprovdi:

"1) Kreditur li għandu kreditu fuq il-patrimonju personali tal-persuna li falliet li għandu l-intenzjoni li jipparteċipa fil-proċedura ta' falliment, huwa obbligat, meta jkun neċessarju li l-kreditu tiegħu jiġi stabbilit, li jiddikjarah lill-imħallef superviżorju fit-terminu stabbilit fid-digriet ta' dikjarazzjoni ta' falliment.

2) Kreditur għandu wkoll id-dritt li jiddikjara kreditu meta dan ikun iggarantit permezz ta' ipoteka, garanzija, bi jew mingħajr esproprjazzjoni, privileġġ tat-Teżor pubbliku, ipoteka marittima jew kwalunkwe reġistrazzjoni oħra fir-reġistru tal-artijiet jew fir-reġistru ta' reġistrazzjoni tal-vapuri. Jekk kreditur jonqos milli jiddikjara dawn il-krediti, dawn jiġu inklużi *ex officio* fil-lista tal-krediti.

3) Il-paragrafu 2 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-krediti ggarantiti b'ipoteka, garanzija, bi jew mingħajr esproprjazzjoni, privileġġ tat-Teżor pubbliku, ipoteka marittima fuq beni li jagħmlu parti mill-massa fallimentari, jekk il-persuna li falliet ma tkunx debitur fir-rigward tal-patrimonju personali tagħha u l-kreditur ikollu l-intenzjoni li jitlob il-krediti tiegħu fuq il-proprjetà suġġetta għall-proċedura ta' falliment.

4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu dwar il-krediti japplikaw għad-djun l-oħra li jridu jiġu ssodisfatti mill-massa fallimentari".

13. Konformement mal-Artikolu 241 tal-Liġi dwar il-Falliment, jekk dikjarazzjoni ta' kreditu tissodisfa ċerti kundizzjonijiet ta' identifikazzjoni u ta' informazzjoni, li jispeċifikaw artikoli oħra ta' din il-liġi, l-imħallef superviżorju għandu jinnotifika immedjatament, u sa mhux iktar tard minn wara ħmistax-il jum, kopja tad-dikjarazzjoni lill-istralċjarju.

14. L-Artikolu 243 tal-imsemmija liġi jipprevedi li l-istralċjarju għandu jivverifika jekk il-kreditu ddikjarat huwiex sostnut mill-kontijiet jew minn dokumenti oħra tal-persuna li falliet jew inkella mir-reġistrazzjonijiet fir-reġistru tal-artijiet jew f'reġistri oħra, u jistieden lill-persuna li falliet tipproduċi, fi żmien terminu stabbilit, dikjarazzjoni li tindika jekk tirrikonoxxix il-kreditu. L-Artikolu 244 tal-istess liġi jipprovdi li, wara l-iskadenza tat-terminu għad-dikjarazzjoni tal-krediti u l-verifika tal-krediti ddikjarati, l-istralċjarju għandu jistabbilixxi immedjatament il-lista tal-krediti, sa mhux iktar tard minn xahrejn li jibdew jiddekorru mit-tmiem tat-terminu għad-dikjarazzjoni tal-krediti.

15. Skont l-Artikolu 245(2) u (4) tal-Liġi dwar il-Falliment, jekk l-istralċjarju jiċħad totalment jew parzjalment id-dikjarazzjonijiet ta' kreditur, huwa għandu jipprovdi r-raġunijiet f'taqsima separata. Dawn ir-raġunijiet jinkludu l-indikazzjoni tal-fatti li wasslu għall-kreditu u d-dokumenti relatati ma' dan. L-istralċjarju għandu jinkludi wkoll fil-lista tal-krediti, fejn meħtieġ, id-dikjarazzjoni tal-persuna li falliet u l-motivi tagħha, jew indikazzjoni li din ma ppreżentatx tali dikjarazzjoni u lanqas ir-raġunijiet relatati.

16. Konformement mal-Artikolu 255(2) tal-Liġi dwar il-Falliment, id-data tas-sottomissjoni tal-lista għandha tiġi ppubblikata. Skont l-Artikolu 256 ta' din il-liġi, fi żmien ġimagħtejn mill-pubblikazzjoni tal-lista tal-krediti, il-persuna li falliet għandha d-dritt li tressaq oppożizzjoni quddiem l-imħallef superviżorju, sa fejn l-abbozz ma jkunx konformi mat-talbiet jew mad-dikjarazzjonijiet tagħha. Minn dan l-artikolu jirriżulta wkoll li jekk il-persuna li falliet ma tkunx ippreżentat dikjarazzjoni meta tkun ġiet mistiedna tagħmel dan, hija tista' tressaq oppożizzjoni biss jekk turi li dan kien imputabbli għal raġunijiet indipendenti mir-rieda tagħha.

17. Skont l-Artikolu 260 (2) tal-imsemmija liġi, fil-każ ta' nuqqas ta' oppożizzjoni, l-imħallef superviżorju għandu japprova l-lista tal-krediti wara l-iskadenza tat-terminu ta' oppożizzjoni.

18. Mill-Artikolu 261 tal-istess liġi jirriżulta li l-imħallef superviżorju jista' jemenda *ex officio* l-lista tal-krediti jekk jikkonstata li ġew irreġistrati fiha krediti totalment jew parzjalment ineżistenti, jew li hemm nieqsa krediti li għandhom ikunu inklużi fiha dan l-artikolu jipprovdi wkoll li d-digriet li jemenda l-lista huwa ppubblikat *ex officio* u li dan id-digriet jista' jiġi kkontestat.

19. L-Artikolu 264 tal-Liġi dwar il-Falliment jistabbilixxi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu, li, fi tmiem il-proċedura ta' falliment jew f'każ fejn ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni, l-estratt tal-lista tal-krediti approvati mill-imħallef superviżorju, li jinkludi l-indikazzjoni tal-kreditu u tal-ammont riċevut f'dan ir-rigward mill-kreditur, jikkostitwixxi titolu eżekuttiv infurzabbli fil-konfront tal-persuna li falliet. Din tal-aħħar tista' titlob li jiġi kkonstatat li l-kreditu li jinsab fil-lista ta' krediti huwa ineżistenti jew ta' valur iktar baxx, jekk hija ma tkunx irrikonoxxiet il-kreditu ddikjarat fil-proċedura ta' falliment u tkun għadha ma ngħatatx deċiżjoni ġudizzjarja definittiva fil-konfront tiegħu. Wara l-inklużjoni ta' ordni ta' eżekuzzjoni fuq l-estratt mil-lista ta' krediti, huwa possibbli li l-persuna li falliet tallega li kreditu inkluż fil-lista ta' krediti huwa ineżistenti jew ta' valur iktar baxx permezz ta' rikors intiż sabiex tipprekludi l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv.

20. L-Artikolu 491[14](1) sa (3) tal-Liġi dwar il-Falliment jipprevedi li, wara l-eżekuzzjoni tal-pjan definittiv ta' tqassim, u meta, minħabba l-insuffiċjenza tal-patrimonju tal-persuna li falliet, ma jkunx ġie stabbilit pjan ta' tqassim, il-qorti għandha tistabbilixxi, wara l-approvazzjoni tal-lista ta' krediti, u ladarba l-persuna li falliet, l-istralċjarju u l-kredituri jinstemgħu, pjan ta' rimbors tal-kredituri. Jekk is-sitwazzjoni personali tal-persuna li falliet tindika b'mod ċar li ma hijiex f'pożizzjoni li tagħmel kwalunkwe ħlas fil-kuntest tal-pjan ta' rimbors tal-kredituri, il-qorti għandha tiddikjara l-ħelsien mid-djun tal-persuna li falliet mingħajr ma tistabbilixxi pjan ta' rimbors tal-kredituri. Id-digriet tal-qorti tal-falliment dwar l-istabbiliment ta' pjan ta' rimbors tal-kredituri jew il-ħelsien mid-djun tal-persuna li falliet mingħajr ma jiġi stabbilit pjan ta' rimbors tal-kredituri għandu jiġi nnotifikat lill-kredituri u jista' jiġi kkontestat. Il-kisba ta' awtorità ta' *res judicata* ttemm il-proċedura.

21. L-Artikolu 491[15] tal-Liġi dwar il-Falliment jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 4, li, fid-digriet dwar l-istabbiliment tal-pjan ta' rimbors tal-kredituri, il-qorti għandha tipprefiża sa fejn u f'liema terminu ta' żmien, li ma jeċċedix 36 xahar, il-persuna li falliet għandha tħallas lura d-djun

irrikonoxxuti fil-lista ta' krediti, mhux eżegwiti matul il-proċedura abbażi tal-pjanijiet ta' tqassim, u liema parti mid-djun tal-persuna li falliet dovuti qabel id-data tad-dikjarazzjoni ta' falliment ser titħallas wara l-eżekuzzjoni tal-pjan ta' rimbors tal-krediturі. Il-qorti ma hijiex marbuta bil-pożizzjoni tal-persuna li falliet dwar it-termini tal-pjan ta' rimbors tal-krediturі. Sabiex tiddetermina l-pjan ta' rimbors tal-krediturі, il-qorti għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-kapaċitajiet ta' dħul tal-persuna li falliet, tan-neċessità li l-persuna li falliet u d-dipendenti tagħha jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom, inklużi l-bżonnijiet tagħhom fir-rigward tal-akkomodazzjoni, l-ammont ta' krediti mhux issodisfatti u l-possibbiltà reali li dawn jiġu ssodisfatti sussegwentement.

Il-Kodiċi tax-Xogħol

22. L-Artikolu 87 tal-ustawa z dnia 26 czerwca 1974 r. – Kodeks pracy (il-Liġi tas-26 ta' Ġunju 1974 dwar il-Kodiċi tax-Xogħol, Dz. U. tal-2022, intestatura 1510, kif emendata) jipprevedi, b'mod partikolari, li, fil-każ ta' eżekuzzjoni ta' djun oħra jew ta' kumpens li jikkonċerna somom imħallsa minn min iħaddem sabiex ikopru spejjeż professjonali, jista' jsir tnaqqis sa nofs is-salarju.

Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Fit-30 ta' Marzu 2007, R.S. ikkonkluda, ma' martu u ma' żewġ persuni fiżiċi oħra, kuntratt ta' kreditu ipotekarju indiċizzat fuq il-frank Svizzeru (CHF) mal-bank G., fl-ammont ta' 489 821.63 zloty Pollakk (PLN) (madwar EUR 126 673) u ta' tul ta' 360 xahar. Wara l-indiċizzazzjoni tal- indiċizzat kreditu, il-persuni li ssellfu impenjaw ruħhom li jirrimborsaw lill-bank G. ammont ta' 211 952.23 frank Svizzeru (CHF) (madwar EUR 130 456) [3].

24. Permezz ta' digriet tal-15 ta' Ottubru 2019, is-Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia w Łodzi (il-Qorti Distrettwali ta' Łodź, iċ-Ċentru tal-Belt ta' Łodź, il-Polonja), l-XIV-il Sezzjoni Kummerċjali għall-Kawżi ta' Falliment u ta' Ristrutturazzjoni, iddikjarat li R.S. kien f'falliment personali. Inħatar stralċjarju, P.C., kif ukoll imħallef superviżorju.

25. Konsegwentement, l-istralċjarju stabbilixxa lista ta' krediti, li ġiet approvata permezz ta' digriet tas-26 ta' April 2021 tal-imħallef superviżorju. Il-kreditu tal-bank G. skont il-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni, ġie inkluż f'din il-lista. R.S. irrikonoxxa l-krediti kollha u ma oġġezzjonax għall-imsemmija lista. Bl-istess mod, l-imħallef superviżorju ma għamel l-ebda emenda *ex officio* għal din il-lista.

26. Fl-20 ta' Lulju 2023, ġie ddikjarat il-falliment tal-bank G. u l-proċedura tkompliet mal-istralċjarju tiegħu.

27. Fl-istadju attwali tal-proċedura ta' falliment, hija s-Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia w Łodzi (il-Qorti Distrettwali ta' Łódź, iċ-Ċentru tal-Belt ta' Łódź), il-qorti tar-rinviju, li għandha tiddetermina, abbażi tal-lista ta' krediti stabbilita, pjan ta' rimbors tal-krediturі ta' R.S., skont il-kapaċitajiet ta' dħul tiegħu u l-ammont ta' djun mhux imħallsa, jew li għandha tikkonstata li l-assi diġà akkumulati fil-massa fallimentari huma biżżejjed sabiex jiġu onorati d-djun kollha tiegħu b'tali mod li pjan ta' rimbors ma huwiex neċessarju.

[3] Bir-rata tal-kambju tat-30 ta' Marzu 2007.

28. Il-qorti tar-rinviju tqis madankollu li l-kuntratt ta' kreditu li wassal għall-krediti tal-bank G. jinkludi klawżoli inġusti li jistgħu jwasslu għan-nullità ta' dan il-kuntratt, u tirrileva li dan l-aspett ma ġiex ivverifikat preċedentement mill-istralċjarju u mill-imħallef superviżorju. Il-krediti ta' dan il-bank għalhekk jista' jkun li diġà ġew imħallsa [4].

29. Skont il-qorti tar-rinviju, għalkemm il-persuna li falliet irrikonoxxiet il-krediti kollha, mill-proċess tal-proċedura ta' falliment ma jirriżultax li hija kienet ġiet informata bin-natura potenzjalment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni, u lanqas li hija ddikjarat b'għarfien sħiħ tal-fatti li hija ma kinitx qiegħda titlob il-protezzjoni mogħtija lilha mid-Direttiva 93/13. Għall-kuntrarju, wara l-għeluq tas-seduta quddiem dik il-qorti, ir-rappreżentant legali tal-persuna li falliet, li ilu jirrappreżentaha mit-3 ta' Novembru 2022, ippreżenta dokument li fih indika li dan il-kuntratt seta' jkun null minħabba l-preżenza ta' klawżoli inġusti u li l-ammonti li kellhom jiġu rrimborsati għalhekk jista' jkun li kellhom jitnaqqsu.

30. Il-qorti tar-rinviju tindika li, fil-proċeduri ta' falliment, huwa diffiċli li jiġi stabbilit liema korp huwa responsabbli li jeżamina, jekk meħtieġ, in-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali li minnhom joriġinaw il-krediti ddikjarati fil-kuntest tal-proċedura ta' falliment. Fil-fatt, l-istralċjarju jibgħat il-lista tal-krediti lill-imħallef superviżorju, li fil-prinċipju ma jeżaminahomx fuq il-mertu. Ċertament, l-imħallef superviżorju jista' jemenda *ex officio* l-lista tal-krediti. Madankollu, fin-nuqqas ta' oppożizzjoni min-naħa tal-persuna li falliet jew tal-krediturі, jew ta' azzjoni *ex officio* tal-imħallef superviżorju, ladarba din il-lista tkun ġiet approvata, il-qorti tal-falliment tkun marbuta bl-imsemmija lista.

31. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt nazzjonali ma jippermettux lill-qorti tal-falliment, meta tistabbilixxi pjan ta' rimbors tal-krediturі, li tistħarreġ hija stess in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali. Hija tista' biss tissospendi l-proċeduri quddiemha u tibgħat id-domanda lill-imħallef superviżorju, li skont id-dritt nazzjonali għandu s-setgħa li jemenda *ex officio* l-lista tal-krediti.

32. Issa, matul din il-proċedura kollha u sakemm id-digriet tal-qorti tal-falliment li jistabbilixxi pjan ta' rimbors tal-krediturі ma jkunx kiseb l-awtorità ta' *res judicata*, il-massa fallimentari tkompli tiġi sostnuta minn żamma awtomatika mis-salarju tal-persuna li falliet. F'dan il-każ, wara d-dikjarazzjoni ta' falliment, 50 % tas-salarju tal-persuna li falliet jinżamm awtomatikament, sabiex jiżdied mal-massa fallimentari, b'tali mod li jibqa' PLN 3 500 (madwar EUR 754) [5] wara li jinżamm, u kwalunkwe eċċess jista' jitħallas lilu biss mal-għeluq tal-proċedura ta' falliment.

33. Barra minn hekk, id-dritt nazzjonali ma jippermettix lill-qorti tal-falliment u lanqas lill-imħallef superviżorju jaġġustaw b'xi mod l-ammont ta' dan it-tnaqqis. Hija biss il-qorti tal-falliment, f'każ li jiġi stabbilit pjan ta' rimbors tal-krediturі, li tista' tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali tal-persuna li falliet, tal-bżonnijiet finanzjarji tagħha u ta' dawk tal-familja immedjata tagħha, u tiddeċiedi li l-ammont ta' kull xahar li għandu jiġi rriżervat għar-rimbors tad-djun wara l-għeluq tal-proċedura jiġi stabbilit, fejn meħtieġ, għal ammont iktar baxx mit-tnaqqis mis-salarju tiegħu.

[4] Il-qorti tar-rinviju rrilevat li, fil-każ ta' annullament tal-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni, id-dejn mal-bank G. ma jaqbiżx l-ammont ta' 489 821.63 zloty Pollakk (PLN) (madwar EUR 126 673). Hija żiedet li kienet għaddejja wkoll proċedura ta' falliment kontra ż-żewġ persuni l-oħra li magħhom R.S. kien ikkonkluda dan il-kuntratt ta' kreditu, u li l-bank G. kiseb dan l-ammont billi biegħ in-nofs indiviż tal-proprjetà immobbli inkwistjoni.

[5] Bir-rata tal-kambju tal-20 ta' Settembru 2023.

34. Madankollu, skont il-qorti tar-rinviju, minn naħa, ir-rinviju tal-kwistjoni tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali quddiem il-imħallef superviżorju jwassal għal dewmien fl-ipproċessar tal-kawża, sa fejn il-qorti, waqt is-seduta stabbilita sabiex jiġi ddeterminat il-pjan ta' rimbors tal-krediturі, ġeneralment diġà jkollha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tevalwa din il-kwistjoni. Barra minn hekk, id-deċiżjoni li ssir tali emenda titħalla għad-diskrezzjoni tal-imħallef superviżorju u d-digriet tiegħu f'dan ir-rigward jista' jkun is-suġġett ta' rikors quddiem il-qorti tal-falliment.

35. Min-naħa l-oħra, il-persuna li falliet sostniet li l-ammont tas-salarju li hija żżomm wara t-tnaqqis huwa insuffiċjenti sabiex tipprovdi għall-bżonnijiet tagħha u għal dawk tal-familja tagħha.

36. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju hija tal-fehma li l-persuna li falliet tista' tkun skoraġġuta milli titlob il-protezzjoni li tirriżulta mid-Direttiva 93/13. Jekk ma titlobhiex, il-qorti tal-falliment tista' tistabbilixxi b'iktar ħeffa fir-rigward tagħha pjan ta' rimbors li jieħu inkunsiderazzjoni l-bżonnijiet tagħha u dawk tal-familja immedjata tagħha, li probabbilment ikun assoċjat ma' rimbors ta' ammonti iktar baxxi mis-somom miżmuma sa issa mis-salarju tagħha. Madankollu, dan jimplika li jiġi aċċettat il-fatt li l-lista ta' krediti tinkludi fl-intier tiegħu l-kreditu tal-bank G.

37. F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Rejonowy dla Łodzi-Śródmieścia w Łodzi (il-Qorti Distrettwali ta' Łódź, iċ-Ċentru tal-Belt ta' Łódź) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [93/13], għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li qorti tal-fallimenti hija marbuta bil-lista ta' djun approvata mill-imħallef superviżorju fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment, li jipprekludi li tiġi evalwata n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali meta l-imħallef superviżorju jagħti d-deċiżjoni tiegħu li ttemm il-proċedura?

2) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva [93/13] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li jiġu ordnati miżuri provviżorji fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment u li għalhekk tista' tiddisswadi lill-konsumaturi milli jibbenefikaw mill-protezzjoni mogħtija minn din id-direttiva?"

38. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern Pollakk, mill-istralċjarju tal-bank, mill-istralċjarju tal-persuna li falliet u mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Gvern Pollakk, l-istralċjarju tal-bank u l-Kummissjoni ppreżentaw ukoll l-osservazzjonijiet orali tagħhom waqt is-seduta li saret fil-pubbliku fl-14 ta' Novembru 2024.

Analiżi

39. Il-qalba tal-kwistjoni mqajma mill-qorti tar-rinviju fil-kuntest ta' din il-kawża tinsab fil-fatt li, l-ewwel nett, fid-dawl tal-iżvolġiment tal-proċedura ta' falliment li tikkonċerna l-persuni fiżiċi li ma jeżerċitawx attività ekonomika, ladarba l-lista tal-krediti tiġi approvata b'digriet tal-imħallef superviżorju, li huwa stess huwa istanza ġudizzjarja, u l-proċedura quddiem il-qorti tal-falliment, din tal-aħħar hija marbuta b'din il-lista.

40. Issa, għalkemm l-istralċjarju fil-prinċipju jeżamina l-krediti fuq il-mertu u għalkemm l-imħallef superviżorju għandu s-setgħa li jeżaminahom mill-ġdid u li jemenda *ex officio* l-lista tal-krediti, dan tal-aħħar ma huwiex obbligat li jagħmel dan. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju indikat li l-imħallef superviżorju ġeneralment jeżamina biss id-dikjarazzjonijiet tal-krediti minn perspettiva formali[6]. Fi kwalunkwe każ, f'din il-kawża, ma huwiex ikkontestat li l-istralċjarju u l-imħallef superviżorju ma eżaminawx il-kuntratt ta' kreditu ipotekarju konkluż bejn il-persuna li falliet u l-bank G. mill-perspettiva tal-protezzjoni kontra l-klawżoli inġusti mogħtija mid-Direttiva 93/13.

41. Fl-istadju tal-istabbiliment tal-pjan ta' rimbors tal-krediturі, il-qorti tal-falliment li, *ex officio* jew wara talba minn konsumatur, ikollha dubju dwar in-natura inġusta ta' klawżoli ta' kuntratt, li minnhom joriġina kreditu ddikjarat fil-kuntest tal-proċedura ta' falliment, ma tistax tevalwa n-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli u ma tistax temenda l-lista ta' krediti skont dan, anki jekk tali eżami ma jkunx seħħ qabel.

42. Min-naħa l-oħra, il-qorti tal-falliment tista' tissospendi l-proċeduri quddiemha u tressaq il-kwistjoni tan-natura inġusta ta' dawn il-klawżoli kuntrattwali quddiem l-imħallef superviżorju, fid-dawl tas-setgħa tiegħu li jemenda *ex officio* l-lista tal-krediti. Id-digriet tal-imħallef superviżorju wara dan ir-rinviju jista' jkun is-suġġett ta' rikors quddiem il-qorti tal-falliment. Tali emenda tal-lista tal-krediti titħalla madankollu għall-evalwazzjoni tal-imħallef superviżorju, peress li dan ma huwiex marbut mill-pożizzjoni tal-qorti tal-falliment f'dan ir-rigward.

43. It-tieni, matul il-perijodu kollu tal-proċedura ta' falliment, ebda miżura provviżorja intiża, jekk ikun il-każ, sabiex jiġi adattat l-ammont tas-salarju tal-persuna li falliet li huwa s-suġġett ta' tnaqqis, ma tista' tiġi adottata.

44. Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju għamlet iż-żewġ domandi preliminari, li ser nittratta suċċessivament billi nifformula wkoll ħarsa ġenerali lejn il-prinċipji ġenerali stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li, diversi drabi, kellha l-okkażjoni li tindirizza l-kwistjoni tal-eżami *ex officio* tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali kif ukoll, sa ċertu punt, dwar l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji fil-kuntest tal-protezzjoni tal-konsumaturi.

Fuq l-ewwel domanda preliminari, dwar l-eżami ex officio tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali

45. Fid-dawl tal-motivazzjoni tal-qorti tar-rinviju, kif tirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari, kif ukoll tal-qalba tal-kwistjoni kif esposta fil-punti 39 sa 42 ta' dawn il-konklużjonijiet, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, nipproponi li l-ewwel domanda preliminari tiġi rriformulata[7] b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fi proċedura ta' falliment, tipprevedi li, ladarba l-lista tal-krediti tkun ġiet approvata minn istanza ġudizzjarja u l-proċedura titkompla quddiem il-qorti tal-falliment, din tal-aħħar tkun marbuta b'din il-lista, b'tali mod li ma tkunx tista' tevalwa

[6] Għandu jiġi nnotat li l-Gvern Pollakk ikkonferma waqt is-seduta li, filwaqt li l-imħallef superviżorju jista' jitlob il-fajl tal-istralċjarju u jiġbor il-provi, huwa ma jiksbux *ex officio* u ma jagħmilx dan awtomatikament.

[7] Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha taqta' t-tilwima li jkollha quddiemha. F'din il-perspettiva, jekk ikun meħtieġ, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha (ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Caixabank u Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, C-224/19 u C-259/19, EU:C:2020:578, punt 46).

n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali u lanqas temenda l-imsemmija lista skont dan, iżda għandha, fejn meħtieġ, tissospendi l-proċeduri quddiemha u tirreferi l-kwistjoni tan-natura possibbilment inġusta ta' dawn il-klawżoli lil din l-istanza ġudizzjarja.

46. Preliminarjament, infakkar li s-sistema ta' protezzjoni implimentata mid-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità fil-konfront tal-bejjiegħ jew tal-fornitur kemm fir-rigward tas-setgħa ta' negozjati kif ukoll fir-rigward tal-livell ta' informazzjoni, sitwazzjoni li twasslu sabiex jaderixxi mal-kundizzjonijiet imfassla minn qabel mill-bejjiegħ jew mill-fornitur, mingħajr ma jkun jista' jeżerċita influwenza fuq il-kontenut tagħhom [8].

47. Fir-rigward ta' tali sitwazzjoni ta' inferjorità, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprevedi li l-klawżoli inġusti ma jorbtux lill-konsumaturi [9]. Barra minn hekk, l-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-erbgħa u għoxrin premessa tagħha, jobbliga lill-Istati Membri jipprovdu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi.

48. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li s-sitwazzjoni ta' inugwaljanza tal-konsumatur fil-konfront tal-bejjiegħ jew tal-fornitur tista' tiġi kkumpensata biss minn intervent pożittiv, estern għall-partijiet fil-kuntratt, tal-qorti nazzjonali adita b'tali tilwim [10]. Għalhekk hija ddeċidiet, inkluż fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza, li, fil-kuntest tal-funzjonijiet tal-qorti nazzjonali, din għandha tevalwa *ex officio* n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 u, meta tagħmel dan, għandha tirrimedja l-iżbilanċ li jeżisti bejn il-konsumatur u l-bejjiegħ jew fornitur, meta jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt meħtieġa għal dan il-għan [11].

49. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tippreċiża fir-rigward tal-proċeduri nazzjonali ta' eżekuzzjoni bħall-proċeduri ta' sekwestri ipotekarji [12], proċedura nazzjonali ta' falliment hija suġġetta għar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li huma intiżi li jiżguraw il-protezzjoni effettiva tal-konsumaturi.

50. Barra minn hekk, il-qorti nazzjonali għandha, skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, tislet il-konsegwenzi kollha li, skont id-dritt nazzjonali, jirriżultaw mill-konstatazzjoni tan-natura inġusta ta' klawżola sabiex tiżgura ruħha li l-konsumatur ikkonċernat ma jkunx marbut biha, li

[8] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Ġunju 2023, Bank M. (Konsegwenzi tal-annullament tal-kuntratt) (C-520/21, EU:C:2023:478, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-11 ta' April 2024, Air Europa Líneas Aéreas (C-173/23, EU:C:2024:295, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[9] Din hija dispożizzjoni obbligatorja li hija intiża li tbiddel l-ekwilibriju formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-parti kontraenti f'ekwilibriju reali li jista' jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejniethom. F'dan ir-rigward, ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' April 2024, Air Europa Líneas Aéreas (C-173/23, EU:C:2024:295, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tas-17 ta' Lulju 2014, Sánchez Morcillo u Abril García (C-169/14, EU:C:2014:2099, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[10] Ara s-sentenzi tal-21 ta' April 2016, Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2016:283, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-14 ta' Diċembru 2023, Getin Noble Bank (Terminu ta' preskrizzjoni għall-azzjonijiet għal restituzzjoni) (C-28/22, EU:C:2023:992, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[11] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, EU:C:2009:350, punt 35); tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 46); tat-30 ta' April 2014, Barclays Bank (C-280/13, EU:C:2014:279, punt 34); tas-17 ta' Lulju 2014, Sánchez Morcillo u Abril García (C-169/14, EU:C:2014:2099, punt 24), u tal-21 ta' April 2016, Radlinger u Radlingerová (C-377/14, EU:C:2016:283, punt 59), li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet b'mod partikolari li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni, li, fi proċedura ta' insolvenza, ma tippermettix lill-qorti adita b'din il-proċedura teżamina *ex officio* n-natura possibbilment inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li l-krediti ddikjarati fil-kuntest ta' din il-proċedura joriġinaw minnhom, minkejja li din il-qorti jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji għal dan l-iskop.

[12] Ara s-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2015, BBVA (C-8/14, EU:C:2015:731, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

jimplika l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-klawżola meqjusa bħala inġusta sabiex din ma tipproduċix effetti vinkolanti fil-konfront ta' dan il-konsumatur, u li huwa jiġi stabbilit mill-ġdid fis-sitwazzjoni legali u fattwali li kien ikun fiha fl-assenza ta' din il-klawżola [13].

51. Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, huwa l-ordinament ġuridiku intern ta' kull Stat Membru, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, li għandu jindika l-qrati kompetenti u li għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali tar-rikorsi intiżi sabiex jiżguraw is-salvagwardja tad-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, dawn il-modalitajiet proċedurali ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw rikorsi domestiċi simili fid-dritt intern (il-prinċipju tal-ekwivalenza) u ma għandhomx jirrendu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (il-prinċipju tal-effettività) [14].

52. F'dan il-każ, mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju ma jirriżultax li l-leġiżlazzjoni Pollakka rilevanti hija applikata b'mod differenti skont jekk tilwima tirrigwardax drittijiet li jinsiltu mid-dritt nazzjonali jew drittijiet li jinsiltu mid-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li l-analiżi li ġejja ser tirrigwarda esklużivament il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni mal-prinċipju tal-effettività.

53. Fir-rigward tal-prinċipju tal-effettività, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li kull każ fejn tqum il-kwistjoni dwar jekk dispożizzjoni proċedurali nazzjonali tirrendix impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi analizzat billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest ta' din id-dispożizzjoni fil-proċedura kollha, fl-iżvolġiment tagħha u tad-dettalji tagħha meqjusa bħala ħaġa waħda, kif ukoll, jekk ikun neċessarju, il-prinċipji li fuqhom huwa bbażat l-ordinament ġuridiku nazzjonali, bħalma huma l-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-iżvolġiment korrett tal-proċedura [15].

54. Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li ser neżamina qabelxejn il-kwistjoni tar-rinviju tal-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali lill-imħallef superviżorju fid-dawl tal-Artikolu 6(1) u tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13. Sussegwentement, ser nirrispondi għal ċerti argumenti mressqa, essenzjalment, mill-istralċjarju tal-bank u mill-istralċjarju tal-persuna li falliet, li skonthom il-persuna li falliet kellha, matul il-proċedura ta' falliment, l-opportunità li tinvoka n-natura inġusta tal-klawżoli inklużi fil-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni, b'tali mod li hija għandha titqies li baqgħet totalment passiva, jew saħansitra li rrinunzjat, b'għarfien sħiħ tal-fatti, milli tinvoka l-protezzjoni mogħtija lilha mid-Direttiva 93/13. Fl-aħħar nett, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja risposta għall-ewwel domanda preliminari fid-dawl tal-elementi kollha esposti u fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali.

[13] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 2022, Profi Credit Bulgaria (Kumpens *ex officio* fil-każ ta' klawżola inġusta) (C-170/21, iktar 'il quddiem is-"sentenza Profi Credit Bulgaria", EU:C:2022:518, punti 41 u 42); tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' kreditu) (C-287/22, EU:C:2023:491, punt 39), kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2024, Novo Banco *et* (C-498/22 sa C-500/22, EU:C:2024:686, punti 138 u 139, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[14] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2015, Baczó u Vizsnyiczai (C-567/13, EU:C:2015:88, punti 41 u 42, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[15] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2014, Pohotovosť (C-470/12, EU:C:2014:101, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll tat-22 ta' April 2021, Profi Credit Slovakia (C-485/19, EU:C:2021:313, punt 53).

Fuq ir-rinviju tal-evalwazzjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali lill-imħallef superviżorju fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività

55. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li r-rekwiżit ta' aġir attiv tal-konsumatur u t-tkomplija ta' proċedura kontradittorja distinta [16], jew li proċedura partikolari tinkludi ċerti rekwiżiti proċedurali li l-konsumatur għandu josserva sabiex jinvoka d-drittijiet tiegħu [17], ma jfissirx madankollu li huwa ma jibbenefikax minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

56. Għalhekk tqum il-kwistjoni dwar sa fejn intervent ġdid tal-imħallef superviżorju huwa ta' natura li jiggarantixxi lill-konsumatur protezzjoni ġudizzjarja effettiva u li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13.

57. F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-imħallef superviżorju, li tiġi rrinvijata lilu l-kwistjoni tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali sabiex, jekk ikun meħtieġ, jemenda l-lista ta' krediti skont dan, ma huwiex marbut mill-opinjoni tal-qorti tal-falliment fir-rigward tan-natura inġusta tal-klawżoli inkwistjoni u jista' jiddeċiedi li ma hemmx lok li tiġi emendata din il-lista. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet applikabbli tad-dritt nazzjonali ma jipprevedux li l-imħallef superviżorju huwa obbligat jevalwa n-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali u lanqas li l-qorti tal-falliment tjista' tordnalu jaġixxi b'dan il-mod. Għalhekk hemm ċerta inċertezza fir-rigward tal-evalwazzjoni tan-natura eventwalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali waqt l-intervent il-ġdid tal-imħallef superviżorju.

58. Mill-elementi tal-fajl isegwi wkoll li d-digriet tal-imħallef superviżorju jista' jiġi appellat quddiem il-qorti tal-falliment, li mbagħad ikollha l-ġurisdizzjoni li teżamina mill-ġdid in-natura potenzjalment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali [18]. Fil-każ ta' rikors kontra d-digriet tal-imħallef superviżorju, ikun għalhekk inevitabbilment f'idejn il-qorti tal-falliment, fi tmiem dan il-"ping-pong ġudizzjarju" [19], li tiddeċiedi l-kwistjoni tal-inġustizzja tal-klawżoli inkwistjoni u l-emenda tal-lista ta' krediti.

59. Mal-inċertezza msemmija iktar 'il fuq jiżdied, kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, dewmien mhux iġġustifikat fit-trattament tal-kawża, peress li din il-qorti diġà għandha l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi li jippermettulha tevalwa n-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni.

60. Barra minn hekk, nosserva li, skont il-qorti tar-rinviju, deċiżjoni li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tirrinvija l-kwistjoni tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali lill-imħallef superviżorju għandha l-konsegwenza li, matul il-perijodu kollu tal-eżami possibbli ta' din il-kwistjoni minn dan tal-aħħar, nofs is-salarju tal-persuna li falliet jibqa' jkun is-suġġett ta' tnaqqis sabiex jalimenta l-massa fallimentari. F'dan il-każ, il-persuna li falliet sostniet li l-ammont li jifdal wara dan it-tnaqqis huwa insuffiċjenti sabiex tipprovdi għall-bżonnijiet tagħha u dawk

[16] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Profi Credit Bulgaria (punti 45 sa 49), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li l-istħarriġ tal-eżistenza ta' kreditu ma jaqax taħt il-kompetenza tal-qorti fil-kuntest tal-proċedura għal ordni ta' ħlas u konsegwentement tobbliga lill-konsumatur ikkonċernat jibda proċedura distinta sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal irkupru sħiħ, ma tiksirx il-prinċipju ta' effettività.

[17] Ara s-sentenza tal-31 ta' Mejju 2018, Sziber (C-483/16, EU:C:2018:367, punti 50 u 54), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat b'mod partikolari li l-effettività tal-protezzjoni mixtieqa mid-Direttiva 93/13 ma tipprekludix l-eżistenza ta' rimedju proċedurali effettiv ieħor disponibbli għall-konsumatur li jippermetti li jintalab l-irkupru ta' somom imħallsa indebitament.

[18] Qiegħed nibbaża ruħi fuq l-osservazzjonijiet tal-istralċjarju tal-bank, dwar l-ilment li jista' jitressaq kontra d-digriet tal-imħallef superviżorju wara li jkun eżamina l-oppożizzjoni kontra l-lista ta' krediti inizjalment stabbilita mill-istralċjarju.

[19] Din l-espressjoni ntużat mill-Avukat Ġenerali Bobek fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Torubarov (C-556/17, EU:C:2019:339, punt 2) sabiex jindika s-sitwazzjoni li ma hijiex mixtieqa fejn kawża ripetutament tisfa bħal mekkuk bejn qrati fi struttura ġudizzjarja, jew, fil-kuntest ta' ġustizzja amministrattiva, bejn il-qrati u l-amministrazzjoni.

tal-familja tagħha. Id-dispożizzjonijiet applikabbli għall-proċedura ta' falliment kif stabbiliti mill-qorti tar-rinviju ma jippermettu la lill-qorti tal-falliment u lanqas lill-imħallef superviżorju li jaġġusta l-ammont miżmum [20]. Fil-fatt u kif fakkart iktar 'il fuq [21], huwa biss fil-mument tal-istabbiliment tal-pjan ta' rimbors tal-krediturі li l-qorti tal-falliment tista' tieħu inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni personali tal-persuna li falliet u tiddeċiedi, fid-digriet tagħha dwar id-determinazzjoni tal-pjan ta' rimbors li jtemm il-proċedura ta' falliment, rimbors ta' ammont fix-xahar iktar baxx.

61. F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-konsumaturi testendi għall-każijiet li fihom il-konsumatur li kkonkluda ma' bejjiegħ jew fornitur kuntratt li jinkludi klawżola inġusta ma jinvokax in-natura inġusta ta' din il-klawżola, fost l-oħrajn, għaliex huwa skoraġġut milli jagħmel dan minħabba l-ispejjeż li azzjoni ġudizzjarja tinvolvi [22], jew meta jkun jeżisti riskju mhux negliġibbli li huwa ma jressaqx l-oppożizzjoni meħtieġa fid-dawl tal-ispejjeż li din twassal għalihom meta mqabbla mal-ammont tad-dejn ikkontestat, li jistgħu jkunu ta' natura li jiskoraġġixxu lill-konsumatur milli jadixxi lill-qorti għall-finijiet tal-eżami tan-natura potenzjalment inġusta ta' klawżoli kuntrattwali [23].

62. Fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment bħal dik f'din il-kawża, fil-fehma tiegħi jeżisti riskju kunsiderevoli li l-persuna li falliet, li diġà tkun f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja, tiġi dissważa milli tinvoka d-drittijiet mogħtija lilha mid-Direttiva 93/13. Dan huwa l-każ, fil-fatt, meta l-qorti tal-falliment, li jkollha dubju dwar in-natura inġusta ta' ċerti klawżoli kuntrattwali, tkun tista' biss tissospendi l-proċeduri quddiemha u tirrinvija l-kwistjoni quddiem l-imħallef superviżorju, ħaġa li ttawwal il-proċedura u żżomm għal żmien addizzjonali lill-persuna li falliet f'sitwazzjoni fejn is-salarju tagħha jibqa' s-suġġett ta' żamma awtomatika li ma tistax tiġi aġġustata, u dan iktar u iktar meta l-eżami tan-natura inġusta tal-klawżoli inkwistjoni mill-imħallef superviżorju ma jkunx iggarantit.

63. Sa fejn il-kwistjoni tan-natura inġusta ta' ċerti klawżoli tkun diġà ntbagħtet lura quddiem l-imħallef superviżorju mill-qorti tal-falliment, *ex officio* jew fuq talba tal-persuna li falliet, il-persuna li falliet tista' wkoll tiġi dissważa milli tippreżenta rikors kontra d-digriet tal-imħallef superviżorju, sabiex ma ddewwimx iktar il-mument li fih il-qorti tal-falliment tkun tista' tieħu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet finanzjarji tagħha meta tistabbilixxi l-pjan ta' rimbors tal-krediturі, anki jekk dan jimplika li l-kreditu inkwistjoni jinżamm fl-intier tiegħu.

[20] Nirrileva li l-osservazzjonijiet tal-partijiet li jargumentaw mod ieħor, inklużi r-risposti tagħhom għad-domandi magħmula waqt is-seduta, ma ppermettewlix li niddetermina jekk, u jekk ikun il-każ taħt liema kundizzjonijiet, id-dritt nazzjonali inkwistjoni jippermetti lill-persuna li falliet titlob u tikseb esklużjoni ta' whud mill-beni tagħha mill-massa, u sa fejn il-beni hekk previsti jistgħu jikkonċernaw it-tnaqqis magħmul mis-salarju tagħha. Peress li hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża prinċipali kif ukoll sabiex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali (sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Raiffeisen Bank u BRD Groupe Société Générale, C-698/18 u C-699/18, iktar 'il quddiem is-"sentenza Raiffeisen Bank u BRD Groupe Société Générale", EU:C:2020:537, punt 46), għall-finijiet ta' din l-analiżi, ser nitlaq mill-premessa li d-dritt nazzjonali applikabbli għall-proċedura ta' falliment inkwistjoni ma kien jippermetti la lill-qorti tal-falliment u lanqas lill-imħallef superviżorju jaġġustaw l-ammonti miżmuma mis-salarju tal-persuna li falliet, kif jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari.

[21] Ara l-punt 33 ta'dawn il-konklużjonijiet.

[22] Ara, pereżempju, f'dan is-sens, id-digriet tas-16 ta' Novembru 2010, Pohotovosť (C-76/10, EU:C:2010:685, punti 43 u 44); is-sentenzi tal-21 ta' Novembru 2002, Cofidis (C-473/00, EU:C:2002:705, punt 34); tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 54), kif ukoll tal-4 ta' Ġunju 2020, Kancelaria Medius (C-495/19, EU:C:2020:431, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[23] Ara s-sentenza tas-17 ta' Mejju 2022, Impuls Leasing România (C-725/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza Impuls Leasing România", EU:C:2022:396, punti 50, 58 u 59, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li huwa probabbli li debitur inadempjenti ma jkollux ir-riżorsi finanzjarji neċessarji sabiex jikkostitwixxi l-garanzija meħtieġa sabiex jippreżenta oppożizzjoni, li huwa iktar u iktar il-każ meta l-valur tas-suġġett tar-rikorsi ppreżentati jeċċedi sew il-valur totali tal-kuntratt. F'dan ir-rigward, ara wkoll is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2018, Profi Credit Polska (C-176/17, EU:C:2018:711, punti 67 u 68); tas-26 ta' Ġunju 2019, Addiko Bank (C-407/18, EU:C:2019:537, punt 60), kif ukoll tal-4 ta' Mejju 2023, BRD Groupe Societé Générale u Next Capital Solutions (C-200/21, EU:C:2023:380, punti 38 u 39).

64. F'dawn iċ-ċirkustanzi, inqis li l-proċedura ta' falliment inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipperikola l-kisba tal-għan imfittex mid-Direttiva 93/13 u hija kuntrarja għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li skontha l-karatteristiċi speċifiċi tal-proċeduri ġudizzjarji, li jiżvolġu fil-kuntest tad-dritt nazzjonali bejn il-bejjiegħa jew il-fornituri u l-konsumaturi, ma jistgħux jikkostitwixxu element li jista' jaffettwa l-protezzjoni ġuridika li għandhom jibbenefikaw minnha dawn tal-aħħar skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 [24].

65. In-natura ipotetika tal-eżami tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali minn korp ġudizzjarju għandha titqies bħala insuffiċjenti sabiex tiżgura l-effettività sħiħa tal-protezzjoni tal-konsumatur mixtieqa mid-Direttiva 93/13. Huwa neċessarju li tali stħarriġ iseħħ, jekk meħtieġ *ex officio*, kemm jekk mill-ewwel qorti li tintervjeni fil-proċedura kif ukoll jekk mit-tieni qorti, u li ma jkunx hemm riskju sinjifikattiv li l-konsumatur jirrinunzja milli jinvoka l-protezzjoni kontra l-klawżoli inġusti skont id-Direttiva 93/13, peress li din il-protezzjoni għandha tkun konkreta u effettiva u mhux teoretika jew illużorja.

66. Għaldaqstant, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hemm indikazzjonijiet qawwija li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludu l-applikazzjoni tar-regoli proċedurali nazzjonali inkwistjoni, peress li dawn, fil-fehma tiegħi, ma jikkostitwixxux mezz li huwa adegwat u effettiv biex jipprevjeni li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti, b'tali mod li l-protezzjoni tal-konsumatur hija inkompleta u insuffiċjenti.

67. Din il-konklużjoni ma jidhirlix li hija kkontestata mill-fatt li, fl-assenza ta' oppożizzjoni ppreżentata kontra d-digriet li permezz tiegħu l-imħallef superviżorju inizjalment japprova l-lista ta' krediti, dan jikseb l-awtorità ta' *res judicata*, kif sostna l-istralċjarju tal-bank waqt is-seduta.

68. Ċertament, il-prinċipju tal-awtorità ta' *res judicata* għandu ċerta importanza kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, f'diversi okkażjonijiet, ippreċiżat li, sabiex jiġu ggarantiti kemm l-istabbiltà tad-dritt u tar-relazzjonijiet ġuridiċi kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa importanti li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru definittivi wara li jkunu ntużaw ir-rimedji ġudizzjarji kollha disponibbli jew wara li jkunu skadew it-termini previsti għall-preżentata ta' dawn ir-rimedji ma jkunux jistgħu jiġu kkontestati iktar [25].

69. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-protezzjoni tal-konsumatur ma hijiex assoluta. B'mod iktar preċiż, hija qieset li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix fuq qorti nazzjonali l-obbligu li ma tapplikax ir-regoli proċedurali interni li jagħtu l-awtorità ta' *res judicata* lil deċiżjoni, anki jekk dan jippermetti li jiġi rrimedjat ksur ta' dispożizzjoni, tkun xi tkun in-natura

[24] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349, punt 55); tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punt 62); tas-17 ta' Lulju 2014, Sánchez Morcillo u Abril García (C-169/14, EU:C:2014:2099, punt 46), kif ukoll Impuls Leasing România (punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[25] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Marzu 2006, Kapferer (C-234/04, EU:C:2006:178, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones (C-40/08, iktar 'il quddiem is-"sentenza Asturcom", EU:C:2009:615, punti 35 u 36); tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus (C-421/14, EU:C:2017:60, punt 46); kif ukoll tas-17 ta' Mejju 2022, SPV Project 1503 *et* (C-693/19 u C-831/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza SPV Project 1503", EU:C:2022:395, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tagħha, li tinsab fid-Direttiva 93/13, bla ħsara madankollu għall-osservanza tal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività [26], u sakemm ma jkunx hemm riskju sinjifikattiv li l-konsumatur ma jippreżentax rikors fit-terminu previst għal dan l-għan [27].

70. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, fid-dawl tan-natura u tal-importanza tal-interess pubbliku li fuqu hija bbażata l-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tagħti lill-konsumaturi, leġiżlazzjoni nazzjonali, li tipprovdi li eżami *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali jitqies li seħħ u li għandu l-awtorità ta' *res judicata*, anki fl-assenza ta' kwalunkwe motivazzjoni f'dan is-sens f'deċiżjoni, tista' ċċaħħad mis-sustanza tiegħu l-obbligu li għandha l-qorti nazzjonali li twettaq eżami *ex officio* tan-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali [28].

71. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-assenza ta' motiv li juri l-eżistenza ta' stħarriġ tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali inkwistjoni, il-konsumatur ma jkunx informat bl-eżistenza ta' dan l-istħarriġ u lanqas, tal-inqas fil-qosor, bir-raġunijiet li abbażi tagħhom qorti tkun qieset li l-klawżoli inkwistjoni ma kinux ta' natura inġusta. Issa, stħarriġ effettiv tan-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali, kif meħtieġ mid-Direttiva 93/13, ma jistax jiġi ggarantit jekk l-awtorità ta' *res judicata* tkun marbuta wkoll mad-deċiżjonijiet ġudizzjarji li ma jirreferux għal tali stħarriġ [29].

72. F'tali każijiet, ir-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jirrikjedi li l-qorti adita sussegwentement tkun tista' tevalwa, inkluż għall-ewwel darba, in-natura possibbilment inġusta tal-klawżoli kuntrattwali li servew bħala bażi għal deċiżjoni mogħtija qabel minn qorti fuq talba ta' kreditur u li fil-konfront tagħha d-debitur ma jkunx ippreżenta oppożizzjoni [30].

73. Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, inqis li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, fil-preżenza ta' digriet tal-imħallef superviżorju li għandu l-awtorità ta' *res judicata*, filwaqt li l-eżami tan-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li minnhom joriġina kreditu ta' falliment ma sarx, id-Direttiva 93/13 timponi fuq il-qorti tal-falliment li tevalwa, *ex officio* jew fuq talba ta' parti, meta jkollha l-punti ta' liġi u ta' fatt neċessarji għal dan l-għan, in-natura possibbilment inġusta ta' dawn il-klawżoli kif ukoll li tislet il-konsegwenzi neċessarji minn dan.

74. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sitwazzjoni tista' tkun mod ieħor biss jekk l-imħallef superviżorju jkun indika espliċitament li kien wettaq eżami tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali inkwistjoni u li dan l-eżami, motivat minn tal-inqas fil-qosor, ma jkun irrileva l-eżistenza ta' ebda klawżola inġusta, jekk meħtieġ billi jkun ippreċiża barra minn hekk li

[26] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus (C-421/14, EU:C:2017:60, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata); SPV Proġett 1503 (punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata); tas-17 ta' Mejju 2022, Ibercaja Banco (C-600/19, EU:C:2022:394, punti 41 u 42, u l-ġurisprudenza ċċitata); kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2024, Getin Noble Bank *et* (Stħarriġ *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli) (C-531/22, EU:C:2024:58, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawżi magħquda SPV Proġett 1503 *et* (C-693/19 u C-831/19, EU:C:2021:615, punti 71 u 72), u d-digriet tat-28 ta' Novembru 2018, PKO Bank Polski (C-632/17, EU:C:2018:963, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[27] Ara s-sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Finanmadrid EFC (C-49/14, EU:C:2016:98, punti 45 sa 55).

[28] Ara s-sentenza SPV Project 1503 (punt 65).

[29] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Mejju 2022, Ibercaja Banco (C-600/19, EU:C:2022:394, punti 49 u 50), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Medina fil-kawża Všeobecná úverová banka (C-598/21, EU:C:2023:22, punt 99). Min-naħa l-oħra, fil-punt 51 tas-sentenza Ibercaja Banco ċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li din il-protezzjoni tiġi żgurata jekk il-qorti nazzjonali tindika espliċitament, fid-deċiżjoni tagħha li tawtorizza l-infurzar tal-ipotekarja, li hija tkun wettqet eżami *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli tat-titolu li wasslu għall-proċedura ta' infurzar tal-ipoteka, li dan l-eżami, motivat minn tal-inqas fil-qosor, ma jkun irrivela l-eżistenza ta' ebda klawżola inġusta u li, fl-assenza ta' oppożizzjoni mqajma fit-terminu stabbilit mid-dritt nazzjonali, il-konsumatur ikun prekluż milli jinvoka n-natura eventwalment inġusta ta' dawn il-klawżoli.

[30] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi SPV Project 1503 (punti 65 u 66), kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2024, Getin Noble Bank *et* (Stħarriġ *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli) (C-531/22, EU:C:2024:58, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

l-evalwazzjoni magħmula minn dan l-imħallef superviżorju fi tmiem l-imsemmi eżami ma kinitx għadha tista' tiġi kkontestata fl-assenza ta' rikors ippreżentat fit-terminu previst għal dan l-għan. Issa, dan ma huwiex il-każ f'din il-kawża, fatt li ma huwiex ikkontestat.

Fuq il-passività tal-persuna li falliet fid-dawl ta' possibbiltajiet oħra li tinvoka d-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 93/13

75. Ċertament, mill-ġurisprudenza jirriżulta li r-rispett tal-prinċipju ta' effettività ma jistax jasal sabiex jissostitwixxi kompletament il-passività totali tal-konsumatur ikkonċernat[31]. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi enfasizzat li kien fis-sentenza Asturcom[32] li l-Qorti tal-Ġustizzja għamlet riferiment għall-ewwel darba għal dan il-limitu espliċitu fuq l-intervent *ex officio* ta' qorti nazzjonali fir-rigward tal-protezzjoni li l-konsumaturi jisiltu mid-Direttiva 93/13. Din hija wkoll l-unika kawża fejn il-Qorti tal-Ġustizzja direttament siltet konsegwenza minn din il-konstatazzjoni[33]. F'din il-kawża, il-kwistjoni tan-natura inġusta ta' klawżola ta' arbitraġġ tqajmet quddiem il-qorti responsabbli għall-infurzar ta' deċiżjoni finali ta' arbitraġġ. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li r-rispett tal-prinċipju ta' effettività ma jistax jasal, f'ċirkustanzi bħal dawk ta' dan il-każ, sal-punt li jeżiġi li qorti nazzjonali għandha mhux biss tikkumpensa ommissjoni proċedurali ta' konsumatur li ma kienx jaf id-drittijiet tiegħu, iżda wkoll tirrimedja kompletament il-passività totali tal-konsumatur ikkonċernat, li ma kienx ipparteċipa fil-proċedura ta' arbitraġġ, ma kienx deher quddiem l-arbitru u lanqas ma kien ippreżenta azzjoni għal annullament, fit-terminu ta' xahrejn previst mir-regoli nazzjonali, kontra d-deċiżjoni ta' arbitraġġ li minħabba dan il-fatt saret finali.

76. Madankollu, inqis li ċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża huma differenti minn dawk li wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja għal din il-konklużjoni fis-sentenza Asturcom. F'dan il-każ, il-persuna li falliet ipparteċipat fil-proċedura ta' falliment u dehret, permezz tar-rappreżentant legali tagħha, quddiem il-qorti tal-falliment. Barra minn hekk, wara s-seduta quddiem il-qorti tal-falliment, dan ir-rappreżentant ippreżenta dokument intiż li jikkontesta n-natura inġusta ta' ċerti klawżoli kuntrattwali tal-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni, li ppermetta lill-qorti tal-falliment tagħmel id-domanda f'dan ir-rigward.

77. Huwa minnu li l-persuna li falliet ma ppreżentat l-ebda oppożizzjoni kontra l-lista ta' krediti u ma ressqitx azzjoni għall-konstatazzjoni tal-ineżistenza tal-kreditu kontenzjuż.

78. Madankollu, hija ma tistax tiġi akkużata b'passività totali.

79. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja, f'diversi okkażjonijiet, ikkwalifikat il-pożizzjoni adottata fis-sentenza Asturcom. Filwaqt li għamlet riferiment għal din il-ġurisprudenza dwar il-passività totali tal-konsumatur, hija żiedet diversi drabi li huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk jeżistix, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-proċedura nazzjonali kkonċernata, riskju mhux negliġibbli li, fil-proċeduri mibdija mill-bejjiegħa jew fornituri u li fihom il-konsumaturi huma konvenuti, dawn tal-aħħar jiġu dissważi milli jinvokaw id-drittijiet li huma jisiltu

[31] Ara, *inter alia*, is-sentenzi tas-17 ta' Mejju 2022, Unicaja Banco (C-869/19, EU:C:2022:397, punt 28); tat-22 ta' Settembru 2022, Vicente (Azzjoni għall-ħlas ta' onorarji tal-avukat) (C-335/21, iktar 'il quddiem is-"sentenza Vicente", EU:C:2022:720, punt 56); tat-13 ta' Lulju 2023, CAJASUR Banco (C-35/22, EU:C:2023:569, punt 28), kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2024, Getin Noble Bank *et* (Stħarriġ *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli) (C-531/22, EU:C:2024:58, punt 45).

[32] Sentenza Asturcom (punti 47 u 48).

[33] Il-Qorti tal-Ġustizzja f'xi okkażjonijiet fakkret ukoll il-kunċett ta' "passività" fir-rigward tal-fatt li r-rekwiżit għall-konsumatur li jibda proċedura ġudizzjarja ma jistax jitqies, fih innifsu, bħala kuntrarju għall-prinċipju ta' effettività (ara s-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2014, Kušionová, (C-34/13, EU:C:2014:2189, punti 55 sa 57); tal-1 ta' Ottubru 2015, ERSTE Bank Hungary, (C-32/14, EU:C:2015:637, punti 62 u 63), u Profi Credit Bulgaria, (punt 48)).

mid-Direttiva 93/13, b'mod partikolari minħabba termini partikolarment qosra previsti għall-preżentata ta' rikors, jew għaliex jistgħu jiġu dissważi milli jiddefendu ruħhom fid-dawl tal-ispejjeż li azzjoni ġudizzjarja tinvolvi meta mqabbla mal-ammont tad-dejn ikkontestat, jew inkella għaliex ma jafux jew ma humiex konxji tal-portata tad-drittijiet tagħhom [34].

80. F'dan il-każ, mill-fajl jirriżulta li, fil-kuntest tal-proċedura ta' falliment fid-dritt Pollakk, il-persuna li falliet tista', fil-prinċipju, tippreżenta oppożizzjoni għal-lista ta' krediti jew tressaq azzjoni għall-ineżistenza ta' kreditu biss bil-kundizzjoni li tkun iddikjarat minn qabel lill-istralċjarju li qegħda tirrifjuta li tirrikonoxxi l-kreditu inkwistjoni. Issa, il-qorti tar-rinviju indikat li kieku l-persuna li falliet kienet esprimiet id-dubji tagħha dwar in-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali lill-istralċjarju, dan kien ikun jinvolvi t-twettiq ta' proċedura quddiem qorti ordinarja [35], li kienet ittawwal il-proċedura ta' falliment, li matulha s-salarju tal-persuna li falliet jibqa' s-suġġett ta' żamma awtomatika, u kienet twassal għal spejjeż tal-qorti addizzjonali.

81. Barra minn hekk, billi tiddikjara li tirrikonoxxi l-kreditu, il-persuna li falliet titlef id-dritt li sussegwentement tinvoka n-nullità tal-kuntratt li fuqu huwa bbażat il-kreditu inkwistjoni. Waqt is-seduta, ġie kkonfermat li tali rikonoxximent jimplika li l-persuna li falliet tirrikonoxxi kemm l-ammont tal-kreditu kif ukoll il-bażi legali tiegħu. Fir-rigward tat-terminu li fit-terminu tiegħu l-persuna li falliet hija mistiedna tipproduċi dikjarazzjoni ta' rikonoxximent, jew ta' nuqqas ta' rikonoxximent, tal-kreditu, xejn fil-fajl ma jippermetti li dan jiġi ddeterminat u l-Liġi dwar il-Falliment tipprovdi biss li dan huwa "terminu stabbilit" ikkomunikat mill-istralċjarju [36].

82. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju indikat li l-oppożizzjoni ppreżentata kontra l-lista ta' krediti trid issir f'terminu ta' ġimagħtejn mill-pubblikazzjoni ta' din il-lista u hija suġġetta għall-ħlas ta' spejjeż tal-qorti proporzjonati, li jikkorrispondu għal 5 % tal-ammont tas-suġġett tal-kawża, filwaqt li għandu jiġi ppreċiżat li dawn l-ispejjeż ma jistgħux ikunu inqas minn PLN 30 (madwar EUR 6) u lanqas ma jistgħu jaqbżu PLN 100 000 (madwar EUR 22 000) [37]. Barra minn hekk, dawn l-ispejjeż kellhom jitħallsu mill-fondi proprji tal-persuna li falliet, meħuda mill-parti li jifdal tas-salarju tagħha wara ż-żamma.

83. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni tiddeċiedi li terminu ta' ġimagħtejn huwa partikolarment qasir u joħloq riskju mhux negliġibbli li l-konsumatur ma jippreżentax l-oppożizzjoni meħtieġa [38], u li debitur suġġett għall-ħlas ta' garanzija li hija kkalkolata abbażi tal-valur tas-suġġett tar-rikors jista' jiġi dissważ milli jippreżenta oppożizzjoni [39].

[34] Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2023, CAJASUR Banco (C-35/22, EU:C:2023:569, punt 28), li tagħmel riferiment għas-sentenza Vicente (punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata), fejn din tal-aħħar tagħmel riferiment, min-naħa tagħha, għall-punti 54 u 56 tas-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2012, Banco Español de Crédito (C-618/10, EU:C:2012:349). Ara, ukoll, is-sentenza tat-18 ta' Jannar 2024, Getin Noble Bank *et* (Stħarriġ *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli) (C-531/22, EU:C:2024:58, punti 53 u 60). Ċirkustanzi oħra wasslu wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teskludi l-passività tal-konsumatur fis-sens tal-ġurisprudenza Asturcom: (ara s-sentenza tas-17 ta' Mejju 2022, Unicaja Banco, (C-869/19, EU:C:2022:397, punt 38), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Medina fil-kawża GR REAL (C-351/23, EU:C:2024:950, punt 105).

[35] Għalkemm l-istralċjarju tal-bank, waqt is-seduta, ikkontesta din l-affermazzjoni, infakkar li, fil-kuntest tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 267 TFUE, ibbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża prinċipali kif ukoll sabiex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali (ara s-sentenza Raiffeisen Bank u BRD Groupe Société Générale, punt 46).

[36] L-Artikolu 243 tal-Liġi dwar il-Falliment.

[37] Bir-rata tal-kambju tal-20 ta' Settembru 2023.

[38] Ara s-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2018, Profi Credit Polska (C-176/17, EU:C:2018:711, punti 65 u 66), kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2024, Getin Noble Bank *et* (Stħarriġ *ex officio* tan-natura inġusta tal-klawżoli) (C-531/22, EU:C:2024:58, punti 53 sa 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[39] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tanchev fil-kawża Impuls Leasing România (C-725/19, EU:C:2021:616, punt 58), u s-sentenza Impuls Leasing România (punt 60).

84. Fl-aħħar nett, ma għandux jintnesa li r-rikonoxximent tas-sitwazzjoni ta' inferjorità tal-konsumatur fil-konfront tal-bejjiegħ jew tal-fornitur kemm fir-rigward tas-setgħa ta' negozjati kif ukoll fir-rigward tal-livell ta' informazzjoni jinsab fil-qalba tas-sistema ta' protezzjoni mogħtija mid-Direttiva 93/13. Il-ġurisprudenza ttenni b'mod konsistenti li l-konsumaturi jistgħu ma jkunux konxji tan-natura inġusta ta' klawżola li tinsab f'kuntratt ta' self ipotekarju jew ma jifhmux il-portata tad-drittijiet tagħhom li jirriżultaw mid-Direttiva 93/13[40], u dan anki fil-mument l-eżekuzzjoni sħiħa tal-kuntratt jew wara[41].

85. Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li l-kontestazzjoni dwar in-natura inġusta ta' ċerti klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni f'dan il-każ seħħet biss fi stadju avvanzat tal-proċedura ta' falliment ma jippermettix, fil-fehma tiegħi, li jiġi imputat aġir totalment passiv lill-persuna li falliet.

86. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-modalitajiet ta' eżerċizzju tad-dritt li tiġi invokata l-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva 93/13 fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment fid-dritt Pollakk, kif esposti mill-qorti tar-rinviju, jenfasizzaw elementi ta' natura li jqajmu dubji serji dwar l-effettività tal-mezzi ta' stħarriġ ġudizzjarju disponibbli. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, hemm riskju kunsiderevoli li konsumatur jastjeni milli jitlob mill-istralċjarju l-protezzjoni li huwa jgawdi minnha skont id-Direttiva 93/13, minħabba li ma jkunx konxju jew ma jifhimx il-portata tad-drittijiet tiegħu, u jastjeni milli jippreżenta oppożizzjoni kontra l-lista ta' krediti, għaliex huwa jista' jiġi dissważ milli jiddefendi ruħu fid-dawl tal-ispejjeż li tkun tinvolvi oppożizzjoni meta mqabbla mal-ammont tad-dejn ikkontestat, u barra minn hekk l-oppożizzjoni trid tiġi ppreżentata f'terminu partikolarment qasir. Għaldaqstant, f'dawn iċ-ċirkustanzi, wieħed ma jistax jikkunsidra li l-persuna li falliet uriet passività totali fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 75 ta' dawn il-konklużjonijiet.

Fuq ir-rinunzja li jiġu invokati d-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 93/13

87. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li s-sistema ta' protezzjoni stabbilita mid-Direttiva 93/13 ma hijiex obbligatorja. Id-dritt għal protezzjoni effettiva tal-konsumatur jinkludi l-possibbiltà li jirrinunzja milli jinvoka d-drittijiet tiegħu, b'tali mod li l-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni, jekk meħtieġ, ir-rieda espressa mill-konsumatur meta, filwaqt li jkun konxju tan-natura mhux vinkolanti ta' klawżola inġusta, dan tal-aħħar jindika madankollu li huwa kontra li din tiġi mwarrba, u b'hekk jagħti kunsens liberu u informat għall-klawżola inkwistjoni[42].

88. F'dan il-każ, xejn ma jagħti x'jifhem li l-persuna li falliet kienet, sa mill-istabbiliment tal-lista tal-krediti mill-istralċjarju, konxja tan-natura mhux vinkolanti ta' ċerti klawżoli tal-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni u tal-konsegwenzi li jirriżultaw minnhom, b'tali mod li hija rrinunzjat, b'għarfien sħiħ tal-fatti, milli tinvoka n-natura inġusta tagħhom u l-protezzjoni mogħtija lilha mid-Direttiva 93/13. Hija ġiet iddikjarata falluta fil-15 ta' Ottubru 2019 u l-imħallef superviżorju approva l-lista ta' krediti permezz ta' digriet tas-26 ta' April 2021. Issa, il-persuna li falliet kienet irrappreżentata biss mit-3 ta' Novembru 2022. Barra minn hekk, dan ir-rappreżentant legali, wara s-seduta quddiem il-qorti tal-falliment, ippreżenta dokument bil-miktub li permezz tiegħu huwa invoka n-natura inġusta ta' klawżoli li jinsabu fil-kuntratt ta' kreditu inkwistjoni.

[40] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Settembru 2018, OTP Bank u OTP Faktoring (C-51/17, EU:C:2018:750, punt 88); tal-10 ta' Ġunju 2021, BNP Paribas Personal Finance (C-776/19 sa C-782/19, EU:C:2021:470, punt 45), kif ukoll tal-25 ta' April 2024, Banco Santander (Tqassim tat-terminu ta' preskrizzjoni) (C-561/21, EU:C:2024:362, punt 33).

[41] Ara s-sentenza Raiffeisen Bank u BRD Groupe Société générale (punt 65 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[42] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' April 2016, Sales Sinués u Drame Ba (C-381/14 u C-385/14, EU:C:2016:252, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tad-9 ta' Lulju 2020, Ibercaja Banco (C-452/18, EU:C:2020:536, punti 25 sa 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

89. Għalhekk jiena tal-fehma li, fl-assenza ta' parir minn rappreżentant legali, ma jistax jiġi dedott li, billi rrikonoxxiet id-dikjarazzjonijiet ta' krediti lill-istralċjarju u billi ma ppreżentatx oppożizzjoni quddiem l-imħallef superviżorju, il-persuna li falliet kienet, definittivament u b'mod liberu u informat, irrinunzjat milli tinvoka s-sistema ta' protezzjoni kontra l-użu ta' klawżoli inġusti mill-bejjiegħa jew fornituri stabbilita mid-Direttiva 93/13 għall-benefiċċju tal-konsumaturi.

Konklużjoni dwar l-ewwel domanda preliminari

90. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, inqis li d-dispożizzjonijiet proċedurali Pollakki li jirregolaw il-proċedura ta' falliment, tal-inqas il-mod li bih huma implimentati fil-prattika legali Pollakka, huma ta' natura li jirrendu eċċessivament diffiċli, għall-persuni li jfallu, l-applikazzjoni tal-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 hija intiża li tagħtihom u għalhekk ma jissodisfawx l-istandards ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-konsumaturi.

91. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda preliminari li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, fi proċedura ta' falliment, tipprevedi li, ladarba l-lista tal-krediti tiġi approvata permezz ta' deċiżjoni ta' istanza ġudizzjarja, deċiżjoni li minnha ma jirriżultax espressament li jkun twettaq eżami tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali, u l-proċedura quddiem il-qorti tal-falliment, din tal-aħħar hija marbuta b'din il-lista, b'tali mod li ma tistax tevalwa, *ex officio* jew fuq talba ta' konsumatur, in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali u lanqas temenda l-imsemmija lista skont dan, iżda għandha, jekk meħtieġ, tissospendi l-proċeduri quddiemha u tirrinvija l-kwistjoni tan-natura possibbilment inġusta ta' dawn il-klawżoli lil din l-istanza ġudizzjarja.

Fuq it-tieni domanda preliminari, dwar l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji

92. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix li jiġu ordnati miżuri provviżorji fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment, bħal dik f'dan il-każ.

93. Fir-rigward tal-kwistjoni tal-għoti ta' miżuri provviżorji[43], infakkar li d-dritt tal-Unjoni ma jarmonizzax il-proċeduri applikabbli għall-eżami tan-natura allegatament inġusta ta' klawżola kuntrattwali. Dawn il-proċeduri jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, bil-kundizzjoni, madankollu, li jikkonformaw mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività[44]. Kif indikat hawn fuq, l-analiżi li ssegwi se tiffoka fuq il-prinċipju ta' effettività, li huwa l-uniku suġġett tad-domandi tal-qorti tar-rinviju.

[43] B'mod indikattiv, ninnota li l-qorti tar-rinviju ppreċiżat li l-miżuri provviżorji li hija għandha l-intenzjoni li tieħu jikkonsistu fi tnaqqis tal-ammont miżmum fix-xahar mis-salarju tal-persuna li falliet.

[44] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Medina fil-kawża M.K. (C-324/23, EU:C:2024:1031, punt 40), kif ukoll, fost l-oħrajn, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2018, Profi Credit Polska (C-176/17, EU:C:2018:711, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata); Vicente (punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' kreditu) (C-287/22, EU:C:2023:491, punt 40).

94. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-miżuri provviżorji mitluba sabiex jiġu invokati d-drittijiet li jirriżultaw mid-Direttiva 93/13, il-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tqis li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix lill-qorti tiddeċiedi fuq il-mertu, meta jkollha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, tadotta miżuri provviżorji, bħas-sospensjoni ta' proċedura ta' eżekuzzjoni fil-kuntest ta' sekwestru ipotekarju, meta l-għoti ta' dawn il-miżuri jkun neċessarju sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni li għandha tittieħed f'dak li jirrigwarda n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali, peress li din il-leġiżlazzjoni tkun għalhekk ta' natura li tippreġudika l-effettività tal-protezzjoni mfittxija mill-imsemmija direttiva [45].

95. Madankollu, din il-ġurisprudenza taqa' f'kuntest partikolari. Fil-fatt, mingħajr din il-possibbiltà li jiġu adottati miżuri provviżorji, id-deċiżjoni finali tal-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu li tiddikjara n-natura inġusta tal-klawżola kuntrattwali inkwistjoni kienet tkun tippermetti biss li l-imsemmi konsumatur jiġi ggarantit protezzjoni *a posteriori* purament kumpensatorja, li kienet inkompleta u insuffiċjenti u kienet tikkostitwixxi mezz li la huwa adegwat u lanqas effettiv sabiex jipprevjeni li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti, bi ksur tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 [46].

96. Bl-istess mod, meta l-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien neċessarju li tkun tista' tiġi sospiża azzjoni individwali ta' konsumatur intiża sabiex tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali sakemm tingħata deċiżjoni definittiva dwar azzjoni kollettiva parallela pendenti li s-soluzzjoni tagħha setgħet tiġi adottata għall-azzjoni individwali, kien jeżisti riskju li l-konsumatur iħallas, matul il-proċedura ġudizzjarja intiża sabiex tiġi kkonstatata n-nullità ta' kuntratt ta' self ipotekarju, u li t-tul tiegħu seta' jkun kunsiderevoli, pagamenti ta' kull xahar ta' ammont ogħla minn dak effettivament dovut kieku l-klawżola kkonċernata kellha tiġi mwarrba [47].

97. Barra minn hekk, meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tippermetti l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-effettività sħiħa tal-protezzjoni tal-konsumaturi mfittxija mid-Direttiva 93/13 teħtieġ li dawn il-miżuri jingħataw skont modalitajiet li ma jistgħux jiddiswadu lill-konsumatur milli jippreżenta u jżomm rikors [48].

98. F'kawża oħra li fiha l-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet tippermetti wkoll l-għoti ta' miżuri provviżorji, minkejja li dawn kienu tradizzjonalment irrifjutati, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, jekk il-qorti nazzjonali tqis, minn naħa, li jeżistu indizji suffiċjenti li l-klawżoli kuntrattwali kkonċernati huma inġusti u li huwa probabbli li jseħħ rimbors tas-somom imħallsa mill-konsumatur ikkonċernat skont il-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali u, min-naħa l-oħra, li, fl-assenza ta' għoti ta' miżuri provviżorji intiżi għas-sospensjoni tal-ħlas

[45] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164, punti 59, 60 u 64), kif ukoll tas-17 ta' Lulju 2014, Sánchez Morcillo u Abril García (C-169/14, EU:C:2014:2099, punt 28); ara, ukoll, id-digriet tal-14 ta' Novembru 2013, Banco Popular Español u Banco de Valencia (C-537/12 u C-116/13, EU:C:2013:759, punt 60).

[46] Dan japplika wkoll meta s-sekwestru tal-proprjetà immobbli ipotekata jsir qabel l-għoti tad-deċiżjoni tal-qorti li tiddeċiedi fuq il-mertu li tiddikjara n-natura inġusta tal-klawżola kuntrattwali li wasslet għall-ipoteka u għalhekk in-nullità tal-proċedura ta' eżekuzzjoni, li jwassal għat-telf definittiv u irriversibbli tal-akkomodazzjoni, u dan iktar u iktar meta tkun involuta l-akkomodazzjoni tal-familja tal-konsumatur, kif kien il-każ fil-kawżi Aziz, Banco Popular Español u Banco de Valencia, kif ukoll Sánchez Morcillo u Abril García (ara l-punt 94 ta' dawn il-konklużjonijiet). Il-Qorti tal-Ġustizzja rraġunat bl-istess mod fil-kawża li wasslet għad-digriet tas-6 ta' Novembru 2019, BNP Paribas Personal Finance SA Paris Sucursala Bucureşti u Secapital (C-75/19, EU:C:2019:950), peress li l-proċedura, distinta mill-oppożizzjoni, li tippermetti li tiġi invokata n-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt ma għandhiex effett fuq il-proċedura ta' infurzar, sa fejn din tal-aħħar tista' tiġi imposta fuq il-konsumatur qabel l-eżitu tal-azzjoni għall-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' tali klawżoli inġusti.

[47] Ara d-digriet tas-26 ta' Ottubru 2016, Fernández Oliva *et* (C-568/14 sa C-570/14, EU:C:2016:828, punti 34 sa 36), iċċitat fil-punt 42 tas-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' kreditu) (C-287/22, EU:C:2023:491).

[48] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Impuls Leasing România (punt 60), dwar is-sospensjoni ta' proċedura ta' eżekuzzjoni, u tad-9 ta' April 2024, Profi Credit Polska (Ftuħ mill-ġdid ta' proċedura magħluqa permezz ta' sentenza definittiva) (C-582/21, EU:C:2024:282, punt 82).

tal-pagamenti ta' kull xahar dovuti skont dan il-kuntratt, l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni finali li għandha tingħata fuq il-mertu ma tistax tiġi ggarantita, fatt li għandu jiġi evalwat mill-qorti nazzjonali billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, allura din il-qorti għandha tadotta miżuri provviżorji li jikkonsistu fis-sospensjoni tal-obbligu ta' dan il-konsumatur li jagħmel pagamenti abbażi tal-imsemmi kuntratt [49].

99. F'dan il-każ, minn naħa, il-leġiżlazzjoni Pollakka inkwistjoni ma tippermettix l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji intiżi li jibdlu s-sitwazzjoni ta' konsumatur li falla matul il-proċedura ta' falliment [50].

100. Min-naħa l-oħra, ma hemmx riskji ta' ħlas indebitu favur il-kreditur li huwa parti fil-kuntratt li jinkludi l-klawżola inġusta. Matul il-proċedura, il-persuna li falliet għadha ma rrimborsatx lill-krediturі. Hija tagħmel dan fil-mument meta jidħol fis-seħħ il-pjan ta' rimbors stabbilit mill-qorti tal-falliment. Il-persuna li falliet tirkupra wkoll kwalunkwe ammont eċċessiv imħallas fil-massa fallimentari mal-konklużjoni tal-proċedura ta' falliment.

101. Madankollu, il-qorti tar-rinviju indikat li, fid-dawl tal-ammont tal-fondi mħallsa sa issa fil-massa fallimentari u dak tad-djun tal-persuna li falliet, jista' jirriżulta li dawn il-fondi huma suffiċjenti sabiex jissodisfaw il-krediti, bl-eċċezzjoni tal-kreditu kontenzjuż. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li, fi proċedura ta' falliment, il-konsumatur li falla diġà jinsab f'sitwazzjoni prekarja. Għalkemm huwa jista' jirkupra l-ammont eċċessiv imħallas fil-massa fallimentari, xorta jibqa' l-fatt li huwa jiġi mċaħħad, matul il-proċedura ta' falliment kollha, minn parti mis-salarju tiegħu, li huwa suġġett għal żamma awtomatika, anki jekk il-fondi li jikkostitwixxu l-massa fallimentari jkunu suffiċjenti sabiex jissodisfaw lill-krediturі, bl-eċċezzjoni tal-kreditur li jinvoka kuntratt li ċerti klawżoli tiegħu huma potenzjalment inġusti. Ma jistax jiġi eskluż li, f'tali sitwazzjoni, id-diffikultajiet finanzjarji tal-persuna li falliet jiġu aggravati, li jista' jaffettwa wkoll il-familja immedjata tiegħu.

102. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju ma teskludix li, fl-assenza tal-għoti ta' miżuri provviżorji intiżi għat-tnaqqis tal-ammont miżmum mis-salarju tal-persuna li falliet, fid-dawl tal-estensjoni tal-proċedura kkonċernata fil-każ ta' eżami tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali u tar-riskju ta' deterjorament tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, jeżisti riskju mhux negliġibbli li l-persuna li falliet tirrinunzja milli tibda l-azzjonijiet neċessarji sabiex tibbenefika mill-protezzjoni mogħtija lilha mid-Direttiva 93/13 u tikkuntenta ruħha bi pjan ta' rimbors ta' ammonti iktar baxxi mis-somom miżmuma mis-salarju tagħha, kif irrilevat fil-punt 60 ta' dawn il-konklużjonijiet.

103. Il-protezzjoni li d-Direttiva 93/13 tiggarantixxi lill-konsumaturi u r-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li jirriżulta minnha jidhru għalhekk li huma b'mod ċar inkompleti meta, minkejja l-eżami, *ex officio* jew fuq talba tal-persuna li falliet, tan-natura inġusta ta' klawżoli

[49] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2023, Getin Noble Bank (Sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' kreditu) (C-287/22, EU:C:2023:491, punt 59), iċċitata fil-punt 85 tal-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Medina fil-kawża M.K. (C-324/23, EU:C:2024:1031), li jippreċiża f'dan ir-rigward li minn din is-sentenza jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-ħtieġa li jingħataw miżuri provviżorji għandha titwettaq *in concreto*, fid-dawl tal-għan li tiġi żgurata l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni li għandha tittieħed.

[50] Ma huwiex ikkontestat li l-għoti ta' miżuri provviżorji ma huwiex previst mid-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment. Kif tindika l-qorti tar-rinviju, l-Artikolu 229 tal-Liġi dwar il-Falliment jipprevedi li d-dispożizzjonijiet tal-ewwel ktieb tal-ewwel parti tal-Ustawa z dnia 17 listopada 1964 r. – Kodeks postępowania cywilnego (il-Liġi tas-17 ta' Novembru 1964 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, Dz. U. tal-2021, intestatura 1805, kif emendata) japplikaw *mutatis mutandis* għall-proċedimenti ta' insolvenza, ħlief f'każijiet eċċezzjonali. Issa, il-proċeduri dwar il-miżuri kawtelatorji jinsabu fit-tieni parti tal-imsemmi kodiċi, kif ġie kkonfermat waqt is-seduta.

kuntrattwali minn qorti nazzjonali, xejn ma jippermetti li jiġu aġġustati l-ammonti miżmuma mis-salarju tiegħu, filwaqt li l-fondi li jikkostitwixxu l-massa fallimentari jkunu jistgħu jkopru, jew saħansitra jeċċedu, l-ammont tal-krediti dovuti, bla ħsara għall-kreditu kontenzjuż.

104. Madankollu, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, li jikkonsistu fi tnaqqis tal-ammont miżmum mis-salarju tal-persuna li falliet, hijiex neċessarja sabiex tiggarantixxi lill-persuna li falliet il-protezzjoni mogħtija lilha mid-Direttiva 93/13, l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni futura dwar in-natura inġusta tal-klawżoli inkwistjoni u l-irkupru tas-sitwazzjoni tal-persuna li falliet fil-liġi u fil-fatt, skont iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ inkwistjoni. Għal dan l-għan, il-qorti nazzjonali tista' tieħu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' indizji suffiċjenti li l-klawżoli kuntrattwali kkonċernati huma inġusti, il-possibbiltà konkreta li l-massa fallimentari diġà hija kkostitwita b'mod suffiċjenti sabiex tissodisfa lill-krediturі, bl-eċċezzjoni, jekk meħtieġ, tal-kreditu inkwistjoni, kif ukoll is-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna li falliet u r-riskju li jkollha tissapporti estensjoni tal-proċedura li tista' twassal għal deterjorament mhux iġġustifikat tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħha sakemm tiġi konkluża l-proċedura ta' falliment.

105. Għaldaqstant, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni domanda preliminari li l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fi proċedura ta' falliment, ma tippermettix l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji xierqa, jekk l-għoti ta' tali miżuri jkun neċessarju sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni li għandha tingħata f'dak li jirrigwarda n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali, fatt li għandu jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju.

Konklużjoni

106. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mis-Sąd Rejonowy dla Łodzi–Śródmieścia w Łodzi (il-Qorti Distrettwali ta' Łódź, iċ-Ċentru tal-Belt ta' Łódź, il-Polonja):

1) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur,

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, fi proċedura ta' falliment, tipprevedi li, ladarba l-lista tal-krediti tiġi approvata permezz ta' deċiżjoni ta' istanza ġudizzjarja, deċiżjoni li minnha ma jirriżultax espressament li jkun twettaq eżami tan-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali, u l-proċedura quddiem il-qorti tal-falliment, din tal-aħħar hija marbuta b'din il-lista, b'tali mod li ma tistax tevalwa, *ex officio* jew fuq talba ta' konsumatur, in-natura inġusta tal-klawżoli kuntrattwali u lanqas temenda l-imsemmija lista skont dan, iżda għandha, jekk meħtieġ, tissospendi l-proċeduri quddiemha u tibgħat lura l-kwistjoni tan-natura possibbilment inġusta ta' dawn il-klawżoli lil din l-istanza ġudizzjarja.

2) L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13,

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fi proċedura ta' falliment, ma tippermettix l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji xierqa, jekk l-għoti ta' tali miżuri jkun neċessarju sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tad-deċiżjoni li għandha tingħata f'dak li jirrigwarda n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali, fatt li għandu jiġi evalwat mill-qorti tar-rinviju.